MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 2126/1997/1

**Godfrey Buhagiar**

**v.**

**Malta Shipbuilding Company Limited u b'digriet tal-14 ta' Settembru 2004 Saviour Gauci f'isem il-Gvern bhala successur tal-Malta Shipbuilding Company Limited assuma l-atti tal-kawza minflok il-Malta Shipbuilding Company Ltd.**

**Il-Qorti:**

## PRELIMINARI

## IC-CITAZZJONI ATTRICI

1. B'citazzjoni fil-kawza fl-ismijiet premessi l-attur wara li ppremetta illi fl-10 ta' Awissu 1995 waqt li hu kien qed jahdem b'inkarigu tas-socjeta` konvenuta hu waqa' gholi ta' cirka sular u sofra danni kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi s-socjeta` konvenuta hi responsabbli ghal dan il-korriment li sofra l-attur u ghad-danni kollha konsegwenzjali peress li dan gara minhabba tort u/jew negligenza u/jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti ta' l-istess socjeta` konvenuta; illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata biex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur izda baqghet inadempjenti talab lill-Qorti ta' Prim Istanza:-

(1) tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghall-korriment u ghad-danni konsegwenzjali li sofra l-attur fl-incident fuq riferit;

(2) tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

(3) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' Mejju 1997 kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti ghas-subizzjoni.

## L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA

2. Is-socjeta` konvenuta eccepiet illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi s-socjeta` eccipjenti m'hijiex responsabbli ghas-sinistru u ghall-allegati danni konsegwenzjali sofferti. Anzi strettament u in forza tal-ligi l-attur irid jipprova illi d-danni allegatament sofferti minnu saru b'att jew b'nuqqas tas-socjeta` eccipjenti kif hekk cirkoskritt bl-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili.

## IS-SENTENZA APPELLATA

3. B'sentenza taghha tal-11 ta' Ottrubru 2001, il-Prim Awla tal-Qorti Civili wara li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u laqghet it-talbiet attrici, iddikjarat lis-

socjeta` appellanti responsabbli ghall-incident ta' l-10 ta' Awissu 1995 u kkundannatha thallas is-somma ta' Lm7000 in linea ta' danni likwidati – bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**L-APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

4.1. Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata b'din id-decizjoni u minna interponiet appell quddiem din il-Qorti.

4.2. L-aggravju huwa essenzjalment dwar il-*quantum* tad-danni likwidati u r-ragonament ta' l-ewwel Qorti dwaru.

Skond l-appellanti, il-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Prim Istanza fil-kaz *de quo* huma dawn:-

a) adozzjoni tal-perijodu ta' hamsa u ghoxrin (25) sena bhala "multiplier";

b) il-paga ordinarja tieghu giet inflazzjonata b'overtime ghall-finijiet ta' komputazzjoni;

c) ma kellux isir tnaqqis ta' l-ammont percepit mill-attur ghall-istess incident taht il-polza tal-'personal injury insurance'.

4.3. Skond l-appellanti, huwa pacifiku illi f'dan l-ahhar decennju l-Qrati taghna ttempraw il-formula tal-"multiplier" spjegata u addottata in re "Butler vs. Heard" (22 ta' Dicembru 1967) u din bdiet tithaddem u tigi kalkolata fuq il-bazi tal-"working years expectancy". Ara fost ohrajn "Mary Bugeja noe. vs. George Agius noe.", App. Civ. 26 ta' Lulju 1991, Vincent Debrincat, et vs.Mary Rose Vella, et, App. Civ. 24 ta' Marzu 1992, u "Carmelo Xuereb, et noe. vs. Tarcisio Camilleri" App. Civ. 30 ta' Marzu 1992.

F'dawn id-decizjonijiet kif ukoll fil-kawza in re "Vincent Axisa vs. Alfred Fenech" (Prim Awla Qorti Civili 16 ta' April 1991), gie enuncjat il-principju illi l-Qorti "ma ghandhiex tkun marbuta ma' decizjonijiet li jillimitaw il-life expectancy sa massimu ta' 20 sena." Ir-raguni ghal din il-fehma kien li "fir-realta` tal-hajja l-midrub ikollu possibilita` kbira li jissupera dan il-limitu ta' eta` fittizju."

4.4. Sa hawn jidher li ma hemmx diverbju u jidher li dan ir-ragunament ghandu sostrat tajjeb u accettabbli.

B’danakollu s-socjeta` konvenuta ma tikkondividix il-fehma illi l-parametri jigu allargati sa l-eta` tal-pensjoni. Kif gie osservat huwa wisq probabbli jekk mhux ukoll naturali, konsiderat certu tip ta’ xoghol, wiehed (sic) jibda jnaqqas mir-rendiment tieghu wara certu eta`.

Fuq dan l-aspett il-Qrati taghna wkoll ghamlu dan ir-ragunament li d-danneggjat ma kienx mistenni li jibqa’ jaghmel l-istess tip ta’ xoghol minhabba l-kwalita` ta’ strapazz li kien jinvolvi u li allura kellu jkun hemm tnaqqis fil-kapacita` tal-qliegh tieghu, konsiderati wkoll “c-chances u c-changes” tal-hajja. B’illustrazzjoni ta’ dan il-Qorti in re: “Emanuel Agius vs. Mario Borg” App. Civ. 22 ta’ Novembru 1995 wissiet illi “m’ghandux ikun hemm spekulazzjoni fis-sens li m’hemmx limitu, ghaliex limitu dejjem irid ikun hemm, pero` dan il-limitu jigi rigwardat u kkonsidrat mill-Qrati, fl-ezercizzju taghhom ta’ ‘arbitrio boni viri’ f’kawzi bhal dawn in ezami.”

In bazi ghall-konsiderazzjonijiet fuq esposti s-socjeta` konvenuta appellanti ma taqbilx li kellu jigi kalkolat “multiplier” sa l-eta` tal-pensjoni fil-kaz de quo.

4.5. Is-socjeta` konvenuta lanqas ma taqbel ma’ l-argument tal-Qorti illi fil-komputazzjoni kellu jiddahhal ukoll l-“overtime”. Ibda biex l-overtime huwa fakoltattiv u ma tezisti l-ebda garanzija ghalih lanqas f’industrija bhal dik tax-“shipbuilding”. Anzi hu provat il-kontrarju billi mhux darba jew tnejn kien hemm “ban” fuq is-sahra.

Gia` l-Qorti tal-Prim Awla per Imhallef Joseph Said Pullicino in re “Vincent Cutajar vs. Alfred Scicluna” (31 ta’ Jannar 1995, konfermata in Sede Appell, fis-26 ta’ Gunju 1997) kienet affermat illi l-“overtime” u l-“allowances” huma elementi incerti li jvarjaw minn sena ghall-ohra u ghalhekk gustament iddeklinat milli timputa dan id-dhul fil-konsiderazzjoni tal-kalkoli taghha.

4.6. Fl-ahharnett kwantu ghall-aggravju dwar l-assenza tat-tnaqqis ta’ Lm1923.25 li l-attur gia` rcieva s-socjeta` appellanti assolutament ma taqbilx mar-ragunament ta’ l-ewwel Qorti.

Ibda biex dan il-hlas sar dejjem riferibilment ghall-istess incident. Il-beneficcjarju taht il-Personal Accident Policy hi l-kumpanija u mhux l-impjegat. L-attur ma kkontribwixxa xejn ghal din il-polza.

Issa l-ewwel Qorti rragonat illi "l-pagament imsemmi sar biss in sodisfazzjon ta' polza li l-istess attur, bhala rizultat ta' l-impjieg tieghu mas-socjeta` konvenuta, seta' (expressis verbis) kien qed jikkontribwixxi ghaliha."

4.7. Skond l-appellanti huwa zball li gudikant jippostula sitwazzjoni ta' ragunar fuq x'haseb hu li seta' kien meta dan il-hsieb ma jsib l-ebda riskontru mill-provi. Certament u f'kull kaz galadarba s-socjeta` appellanti ghamlet il-provi tal-hlas kien imbaghad jinkombi fuq l-attur illi jissodisfa lill-Qorti bil-prova certa li hu kkontribwixxa ghall-hlas taht l-imsemmija polza.

Jekk ir-ragunar ta' l-ewwel Qorti jigi accettat ikun ifisser illi l-attur ikun qed jispekula fuq l-incident billi jircievi rizarciment f'danni aktar minn dak li ghalih ekwament hu ntitolat. Dan igib arrikkiment indebitu li mhux konsentit, u huwa ferm 'il boghod mir-"restitutio in integrum" jew re-integrazzjoni mill-vera konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz.

4.8. Fl-ahharnett l-appellanti ma tistax ma tissenjalax il-veduta illi r-riflessjonijiet li saru fiz-zminijiet ricenti f'kazistika tax-xorta bhal dik hawn ezaminata, ghalkemm progressiva mill-ottika tad-danneggjat, mhux dejjem taghmel gustizzja mad-danneggjant in kwantu ma tohloqx dak l-ekwilibriju sobreju bejn l-interessi tad-danneggjat u d-danneggjant. Inoltre l-istess riflessjonijiet jista' jkollhom skop 'de lege condenda' in kwantu fl-umli fehma tas-socjeta` appellanti prezentement fl-istat attwali tal-ligi huma kemmxejn aljena ghan-normi stabbiliti fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant is-socjeta` appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tal-11 ta' Ottubru 2001 billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza in

kwantu ghall-aspett tar-responsabbilita` ghall-incident, tirrevokaha in kwantu ghal-likwidazzjoni tad-danni u ghall-kundanna tal-hlas ta' l-ammont likwidat – bl-ispejjez kontra l-attur.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLAT GODFREY BUHAGIAR GHAR-RIKORS TA' L-APPELL TAS-SOCJETA` APPELLANTI</u>**

5.1. L-attur appellat wiegeb hekk:

(I) Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma peress illi l-incident ta' l-10 ta' Awissu 1995, li fih korra l-attur waqt li kien qed jahdem b'inkarigu tas-socjeta` appellanti, sehh, kif irriteniet tajjeb l-ewwel Qorti, unikament tort tas-socjeta` appellanti li naqset milli taqdi dmirha skond il-ligi meta ma pprovditx post tax-xoghol sigur.

(II) Illi l-prinicipji wkoll li gew adottati mill-ewwel Qorti rigwardanti l-likwidazzjoni u rizarciment ta' danni kawzati lill-appellat fl-incident ta' l-10 ta' Awissu 1995 huma gusti u jimmeritaw li jigu konfermati.

(III) Illi, l-Artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li '*l-persuna responsabbli ghandha twiegeb (inter alia) ghat-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib'.* Fl-Artikolu 1045 (2) jinghad illi tali '*somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, x-xorta u l-grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kundizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.*' Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabbiliti fil-kawza **Michael Butler vs. Peter Christopher Heard** (A.C. 22 ta' Dicembru 1967) li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza **Salvatore Mifsud vs. Carlo Camilleri et**, deciza fis-16 ta' Novembru 1983, '*ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-Gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu.*'

Illi hekk, per ezempju, ghar-rigward tal-multiplier applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy of the victim* fejn qabel is-*ceiling* qatt ma ecceda l-20 sena, pero` llum bis-sentenza **Mary Bugeja nomine et vs. George Agius nomine** (A. C. 26 ta' Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbiddlet ghaliex l-istess Onorabbli Qorti rrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabbilita f'**Butler vs Heard** hija dik l-aktar addattata, sakemm tinstab sistema ohra ta' komputazzjoni ohra aktar gusta, pero` dan ma jfissirx illi '*Il-Qorti ghandha jew tista' tikkonsidra ruhha marbuta rigorzament ma' applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha jdejha li dejjem u f'kull kaz ghadha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghal-likwidazzjoni rreali jekk mhux addirittura ngusti.*'

Illi dan gie segwit bis-sentenza **Vincent Axisa vs Alfred Fenech et** (P. A. 16 ta' April 1991) fejn il-Qorti sostniet illi '*din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tkun marbuta ma' decizjonijiet li jillimitaw il-life expectancy sa massimu ta' ghoxrin sena*', u tali principju gie konsistentement segwit u zviluppat mill-gurisprudenza nostrali tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari, u inkluz '*changes and chances*' tal-hajja b'dan li l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbut ma' '*xi massimu gia` stabbilit sa llum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitrarju u optimistiku*'. Illi din it-tendenza giet segwita f'diversi sentenzi fosthom **Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et**[1]**; Duncan Vassallo vs Khalid Schwej**[2]**;** u **Robert Barbara vs Saviour Galea**[3] fejn ghalhekk il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta` odjerna u aspettattiva aktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.[4]

Illi fil-kaz **Mario Camilleri vs Mario Borg et nomine**[5]**,** il-Prim Awla tal-Qorti Civili rriteniet illi:
'*il-Gustizja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta` u kemm huwa possibbli, terga tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel ... Huwa ngust li f'dawn il-*

[1] P. A. 1 ta' Marzu 1992
[2] P. A. 8 ta' Marzu 1996
[3] P. A. 11 ta' Ottubru 1996
[4] P. A. Emmanuel Felice vs. Freeport Terminal (Malta) p.l.c. u Anthony Camilleri, 4 ta' Lulju 2002
[5] P. A. 8 ta' Mejju 1990

*kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta' l-att illegali u ngust ta' haddiehor m'huwiex possibbli, ma tassikurax kemm tista' kompensazzjoni adegwata.*'

5.2. Bis-sentenza appellata tal-11 ta' Ottubru 2001, il-Prim Awla tal-Qorti Civili applikat dawn il-principji ghall-kaz odjern u rriteniet illi '*s-sistema ta' l-hekk imsejjah 'multiplier' sab rikonoxximent generali sew mill-Qrati kif ukoll mill-klassi legali li generalment tikkonsulta fuq aspetti simili*'. Il-Qorti qalet illi minhabba '*the chances and changes of life*' id-danni futuri ma jigux komputati fuq firxa ta' snin li dak li jkun huwa mistenni li jibqa' haj, lanqas, f'certa cirkostanzi ma jintuza '*multiplier*' ghall-perjodu kollu lavorattiv tal-parti interessta.

'*Inoltre mill-ammont eventwalment likwidat tenut kont ta' l-eta`, ta' l-introjtu u tad-dizabilita` ta' dak li jkun, generalment jitnaqqas percentagg minhabba l-fatt li dawk id-danni ser jithallsu 'in a lump sum' u mhux fuq firxa ta' snin. Ghalkemm tali komputazzjoni tista' ma titqiesx bhala perfetta jidher li din is-sistema generalment tipproduci rizultati sodisfacjenti.*'

5.3. Is-socjeta` appellanti, fir-rikors ta' l-appell taghha tghid illi ma taqbilx li kellu jigi kalkolat multiplier sa' l-eta` tal-pensjoni fil-kaz de quo u dan ghaliex huwa wisq probabbli jekk mhux ukoll naturali, konsiderat certu tip ta' xoghol illi wiehed jibda jnaqqas mir-rendiment tieghu wara certu eta`. Illi, s-socjeta` appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha taghmel biss riferenza ghal din il-probabbilita`, u cioe` illi wiehed probabbilment inaqqas mir-rendiment tieghu mal-medda taz-zmien. Illi, s-socjeta` appellanti naqset milli taghmel spekulazzjonijiet ohrajn fosthom illi hemm probabbilita` illi wiehed jista' jaghmel progress fl-impjieg tieghu mal-medda taz-zmien, ibiddel il-grad tieghu u jizdied fil-paga rispettivament. Ghaldaqstant wiehed japprezza illi l-ezercizzju tal-Qrati taghna huwa wiehed delikat, *ibbazat fuq ir-realta` sakemm hija previdibbli a bazi ta' statistika u induzzjoni*[6].

[6] P. A. Mario Camilleri vs Mario Borg et nomine, 8 ta' Mejju 1990

Illi, s-socjeta` appellanti ma kenitx preciza fl-argument taghha u dan ghaliex l-ewwel Qorti ma kkalkolatx multiplier sa l-eta` tal-pensjoni fil-kaz *de quo*, izda sa l-eta` ta' sitta u hamsin sena, billi gie kalkolat multiplier ta' hamsa u ghoxrin sena, meta l-attur kellu wiehed u tletin sena meta gara l-incident.

Barra minn hekk, wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-ewwel Qorti naqset l-ammont tad-danni sofferti mill-attur b'20%, u cioe` minn LM8,750 ghal LM7000 billi dan ser jithallas f'daqqa.

5.4. Fir-rikors taghha, s-socjeta` appellanti tilmenta mill-fatt illi fil-komputazzjoni, l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni mhux biss il-paga bazika izda wkoll l-'overtime' u l-'allowances'. Illi, skond is-socjeta` appellanti, l-overtime huwa fakoltattiv u ma tezisti l-ebda garanzija ghalih lanqas f'industrija bhal dik tax-shipbuilding. Is-socjeta` appellanti tkompli tghid illi '*anzi hu provat il-kuntrarju billi mhux darba jew tnejn kien hemm 'ban' fuq is-sahra.*' Illi, skond l-ewwel Qorti, huwa minnu li tali introjtu mhux garantit, izda '*jigi osservat li f'industrija bhal dik ta' ship building l-overtime* ***hija pjuttost regola izjed milli eccezzjoni***. *Wara kollox jidher li impjegati fl-istess grad kellhom, mhux biss l-aspettattiva izda dhul effettiv minn "overtime".*' Is-socjeta` appellanti tikkonforta ruhha fl-argument taghha billi tikkwota s-sentenza tal-kawza **Vincent Cutajar vs. Alfred Scicluna** konfermata in Sede Appell fis-26 ta' Gunju 1997. Pero` s-socjeta` appellanti tonqos li ssemmi sentenza aktar recenti, dik moghtija fis-7 ta' Lulju 1998 mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **George Gatt vs. Francis E. Carbone** fejn ghall-komputazzjoni tal-lucrum cessans, il-Qorti adoperat bhala l-qliegh annwu l-qliegh gross f'paga, *bonus* u *allowance/overtime*.

5.5. Is-socjeta` appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha tilmenta mill-fatt illi s-somma ta' LM1923.25 li l-attur ircieva minghand l-assikurazzjoni Bain Hogg Malta Limited, ma tnaqqsitx mill-ammont dovut. Is-socjeta` appellanti tghid illi dan il-hlas sar dejjem riferibilment ghall-

istess incident. Illi, kif qalet tajjeb l-ewwel Onorabbli Qorti, kull pagament li sar taht il-Personal Accident Policy huwa indipendenti minn kull hlas li jista' jkun dovut taht l-'employers liability'. Il-pagament fuq imsemmi '*ma sarx in sodisfazzjon tar-responsabbilita` tal-employer ghall-akkadut. Kieku kien hekk dan kien jammonta ghall-ammissjoni ta' responsabbilita`.*

Illi, s-socjeta` appellanti interpretat b'mod inkorrett lill-ewwel Qorti meta fir-rikors ta' l-appell taghha qalet:
'*Issa l-ewwel Qorti rragonat illi "l-pagament imsemmi sar biss in sodisfazzjon ta' polza li l-istess attur, bhala rizultat ta' l-impjieg tieghu mas-socjeta` konvenuta, seta' kien qed jikkontribwixxi ghaliha. Huwa zball li gudikant jippostula sitwazzjoni ta' ragunar fuq x'haseb hu li seta' kien meta dan il-hsieb ma jsib l-ebda riskontru mill-provi ... Jekk ir-ragunar ta' l-ewwel Qorti jigi accettat ikun ifisser illi l-attur ikun qed jispekula fuq l-incident billi jircievi rizarciment f'danni aktar minn dak li ghalih ekwament hu ntitolat.*'

Illi, l-ewwel Qorti bl-ebda mod ma bbazat il-konkluzzjoni taghha, u cioe` illi din is-somma m'ghandhiex titnaqqas, fuq il-fatt li l-appellat seta' kkontribwixxa ghal din il-polza. Izda, l-ewwel Qorti ghamlitha cara illi kull pagament li jsir taht il-Personal Accident Policy huwa indipendenti minn kull hlas iehor.

Ghaldaqstant l-attur appellat issottometta li din il-Qorti ghandha tikkonferma s-sentenza appellata tal-11 ta' Ottubru 2001 fil-kawza fl-ismijiet premessi – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. L-appell tas-socjeta` konvenuta huwa limitat ghall-*quantum* tad-danni li gew likwidati mill-Qorti ta' l-ewwel grad ammontanti b'kollox ghas-somma ta' sebat elef lira Maltin (Lm7000), liema ammont jikkomprendi kemm id-*damnum emergens* u l-*lucrum cessans*.

Biex waslet ghal din is-somma, l-ewwel Qorti kkunsidrat fost ohrajn is-segwenti punti

(I) l-eta` ta' l-attur meta dan korra – jigifieri 31 sena – u dan ukoll billi applikat "*multiplier*" fuq firxa ta' hamsa u ghoxrin (25) sena;

(II) billi kkalkolat introjtu annwu baziku ta' cirka Lm4,800 – b'dana pero` li hadet bhala medja l-ammont ta' Lm5000 per annum. Taht dan l-aspett, ghal dak li jikkoncerna dhul minn xoghol bis-sahra ("*overtime*"), l-ewwel Qorti dehrilha li kellha tinkludieh *in* *toto* tul il-perijodu kollu tal-"*multiplier*" surreferit, jigifieri bhala parti integrali mis-salarju ta' l-attur;

(III) wara li qieset li d-dizabilita` sofferta mill-attur appellat kellha tigi kkalkulata a bazi ta' percentwal ta' sebgha fil-mija (7%);

(IV) stante l-"*lump sum payment*" irriduciet l-ammont likwidat b'ghoxrin fil-mija (20%) mill-ammont globali li gie likwidat.

7. L-aggravji tas-socjeta` konvenuta jirreferu ghal kull parti mill-ezercizzju kondott mill-ewwel Qorti biex din waslet ghal-likwidazzjoni fuq imsemmija, ad eccezzjoni tat-tnaqqis effettwat ghall-fini ta' hlas "*lump sum*".

**L-AGGRAVJU DWAR IL-"*MULTIPLIER*"**

8. In succint, l-aggravju tas-socjeta` konvenuta dwar il-"*multiplier*" ta' hamsa u ghoxrin (25) sena hu dak li s-socjeta` appellanti ma kienitx taqbel "illi l-parametri jigu allargati sa' l-eta` tal-pensjoni". Anzi, konsiderat certu tip ta' xoghol, targumenta l-appellanti, ir-rendiment ta' l-impjegat x'aktarx li jonqos milli jizdied.

Kif gia` inghad, meta korra l-attur kien ghad ghandu 31 sena. "*Multiplier*" mifrux fuq 25 sena jwassal ghall-eta` ta' 56 sena, eta` li ghadha xi ftit distanti mill-eta` tal-pensjoni. Apparti dan, hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-ewwel Qorti spjegat bizzejjed u b'mod mill-iktar elaborat x'kienu l-fatturi li hi hadet in konsiderazzjoni biex waslet ghad-decizjoni taghha – bil-punt tat-tluq taghha jkun ibbazat fuq il-premessa li "ebda formula ma tissodisfa". Din il-Qorti ma thossx li hemm x'jigi ddisturbat f'dak li gie kkostatat u

konkluz mill-ewwel Qorti u ghalhekk qeghda tirrespingi dana l-aggravju tas-socjeta` konvenuta.

**L-AGGRAVJU DWAR IT-TELF EFFETTIV RELATAT MA' L-"*OVERTIME*"**

9. L-appellanti ma taqbilx li l-hlas ghal "*overtime*" kellu jitqies bhala fattur integrali u inaljenabbli mas-salarju ppercepit mill-attur.

Dan il-punt kien suggett li gie investit f'decizjoni recensjuri moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet: "Robert Camilleri –vs– Malta Shipbuilding Company Limited et" (Citaz. Nru 1766/98), deciza fil-24 ta' Settembru 2004, u billi din il-Qorti ghadha thaddan l-istess konvinzjoni kif hemm espressa, jidhrilha li l-ammont mehud bhala bazi mill-ewwel Qorti taht dan l-aspett ghandu jigi varjat minn kif deciz mill-ewwel Qorti. Fi kliem iehor, tenut kont tal-possibilita` reali ta' fluttwazzjonijiet fil-kondizzjonijiet tax-xoghol darba li qeghda hawn issir projezzjoni mifruxa fuq perijodu twil ta' 25 sena, l-introjtu medju ta' l-attur ghandu jinhadem fuq is-salarju percepibbli minnu bl-addizzjoni ta' hamsin fil-mija (50%) tal-hlasijiet tas-sahra li wiehed jistenna li kien ser jircievi. Fost diversi konsiderazzjonijiet fis-sentenza surreferita, din il-Qorti rriteniet ukoll hekk:
"Fil-fatt hija jidhrilha li biex issir gustizzja l-ammont f''*overtime*' u f' '*allowances*' kellu jinghata, jew ahjar jigi kkalkulat, fuq bazi ta' hamsin fil-mija (50%) fuq l-ammont totali. Dan ghaliex min-naha 'l wahda m'huwiex gust, kif zbaljatament argumentat is-socjeta` appellanti, li ladarba tali hlas mhux parti integrali mal-paga allura ma kien dovut qatt u f'ebda ammont; u min-naha l-ohra, lanqas ma huwa gust li jitqies li dawn il-hlasijiet ta' '*overtime*' u '*allowances*' huma dovuti bid-dritt u bla interruzzjoni minghajr il-possibilita` ta' fluttwazzjoni jew varjazzjonijiet minn sena ghal ohra...."

10. Mill-provi jirrizulta li fis-sena 1995 (is-sena li fiha l-attur korra), l-attur dahhal is-somma ta' LM4,843.15c (Dok AR 1), liema ammont kien jinkludi s-somma ta' Lm666 bhala hlas ghal "*overtime*" u "*allowances*" sa Awissu 1995. Fis-sena 1996, l-introjtu ta' l-attur kien ta' Lm4,475.25c (Dok AR 2) u Lm4,345.69 (Dok AR 3), liema zewg

ammonti ma kienux jinkludu wkoll dhul iehor minn xoghol bl-“*overtime*” u “*allowances*”. L-ewwel Qorti addottat “*multiplier*” ibbazat fuq dhul (medju) annwu ta’ Lm5000 – u dan billi inkludiet fih hlasijiet addizzjonali ghas-salarju baziku fl-ammont ta' cirka Lm660.00c. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan l-ammont ghandu jigi ridott b’madwar Lm330 u ghalhekk din il-Qorti qeghda tirriduci d-dhul medju annwu ghas-somma ta’ Lm4,700. Din is-somma giet arrotondata ‘*arbitrio boni viri*’ tenut kont tal-varjazzjonijiet fl-introjtu minn sena ghall-ohra ta’ l-attur.

11. Dan kollu ghalhekk ifisser li l-ammont ta’ danni dovuti lill-appellat qeghdin jigu ridotti u riformati minn kif deciz mill-ewwel Qorti kif ser jinghad:-
Lm4,700 X 25 sena X 7% dizabilita` X 20% tnaqqis ghall-hlas f’daqqa = Lm6,580 (sitt elef hames mija u tmenin lira Maltin).

Taht dan l-aspett u fil-<u>limiti</u> msemmija ghalhekk, l-aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti ghall-fini ta’ riforma ta’ parti mis-sentenza appellata qieghed jigi milqugh.

Jigi pprecizat minn issa li tali varjazzjoni (pjuttost minima) fl-ammontar ta’ danni likwidati bhala indennizz lill-appellat m’hijiex, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ta’ portata tali li ghandha tigi riflessa fil-kap ta’ l-ispejjez. Dan hu hekk ukoll ghar-raguni li din il-posizzjoni dwar hlas ta’ “*overtime*” kkristallizzat ruhha biss recentement, kif ukoll minhabba l-fatt li s-socjeta` appellanti ppretendiet riduzzjonijiet ferm akbar minn dawk li fil-fatt giet effettwata bir-riforma li qeghda ssir fis-sentenza appellata.

**<u>L-AGGRAVJU DWAR L-ASSENZA TAT-TNAQQIS TA’ LM1,923.25c IMHALLSA LILL-APPELLAT</u>**

12. Skond l-appellanti, l-ammont ta’ Lm1,923.25c mghoddi lill-attur in konsegwenza ta’ l-akkadut <u>*de quo*</u> messu gie mnaqqas mill-ammont ta’ danni dovuta globalment lill-appellat, ghaliex altrimenti, dan ikun jammonta ghal arrikkiment indebitu, li mhux konsentit mil-ligi, u huwa ’l boghod mill-kuncett tar-“*restitutio in integrum*”.

Skond is-socjeta` appellanti, il-beneficcjarju taht il-"*Personal Accident Policy*" – li quddiem l-ewwel Qorti baqghet ma gietx esebita – kienet il-kumpannija appellanti u mhux l-attur, *qua* impjegat. L-attur ma kkontribwixxa xejn ghal din il-polza, tghid is-socjeta` konvenuta.

13. Din il-Qorti, wara li hadet kont tas-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar dan l-aggravju, m'hijiex tal-fehma li dan l-ahhar aggravju huwa fondat. Ibda biex huwa skorrett li jinghad li l-ewwel Qorti donnha bbazat il-konkluzjoni taghha dwar dan l-ammont fuq il-premessa li l-attur ikkontribwixxa direttament ghall-holqien ta' "*Personal Accident Policy*". Il-kliem ezatt li gie adoperat mill-Qorti ta' l-ewwel grad taht dan l-aspett, kien li gej:
"... Il-pagament imsemmi sar biss in sodisfazzjon ta' polza li l-istess attur, bhala rizultat ta' l-impieg tieghu mas-socjeta` konvenuta, seta' kien qed jikkontribwixxi ghaliha." (sottolinear tal-Qorti)

Kien ikun ferm facli ghas-socjeta` konvenuta li turi – jekk tabilhaqq kien hekk realment il-kaz – li dan il-pagament gie vversat lid-danneggjat bhala kumpens in parte imma evidentement din kienet haga difficli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami ghas-semplici raguni li kwantu ghall-akkadut is-socjeta` appellanti cahdet kwalsiasi responsabbilta` da parti taghha. Kif allura jista' issa jigi argomentat li dan il-hlas maghmul inkondizzjonatament min-naha tas-socjeta` appellanti sar bhala hlas *in parte* ta' l-incident in ezami? (ara n-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta – a fol. 10 tal-process). Kif invece gie gustament ritenut mill-ewwel Qorti;
"Kull pagament li sar taht il-*Personal Accident Policy* huwa indipendenti minn kull hlas li jista' jkun dovut taht l-hekk imsejha '*employers liability*'. Infatti l-pagament fuq imsemmi ma sarx in sodisfazzjoni tar-responsabbilita` ta' l-'*employer*' ghall-akkadut".

Prova li tali hlas sar taht forma ta' hlas *in parte* ghad-danni sofferti mill-attur kienet tispetta lis-socjeta` konvenuta, izda prova simili ma tirrizultax. Il-konferma ta' dan kollu temergi kjarament mill-polza ta' assikurazzjoni li kopja taghha giet pprezentata mill-appellanti, fuq ordni tal-Qorti,

fl-istadju ta' l-appell. Din il-Qorti ezaminat l-imsemmi dokument u minnu jirrizulta bic-car li din il-"*Group Personal Accident Policy*" giet miftehma bejn min-naha 'l wahda l-Malta Shipbuilding Co. Ltd. (i.e. is-socjeta` appellanti), u min-naha l-ohra, l-kumpannija assiguratrici Lloyd's Underwriters. Issa li kieku jirrizulta li s-socjeta` appellanti ftehmet jew kellha xi ftehim mal-haddiema taghha li kull ammont versat lilhom – f'kaz ta' infortunju waqt ix-xoghol – dan kellu jitqies bhala hlas u/jew kumpens *in toto* jew *in parte* ta' dak dovut in linea ta' rizarciment tad-danni, allura f'dak il-kaz l-aggravju tas-socjeta` appellanti kien ikun wiehed fondat. Imma ma hemm ebda prova dwar tali ftehim. Li kieku s-socjeta` appellanti riedet timmanifesta car u tond li kull ammont hekk mghoddi lill-impjegat taghha kellu jitqies bhala hlas akkont ta' kull ammont dovut lill-impjegat hija kellha l-mezzi kollha biex dan taghmlu, izda ma jidhirx li hekk kien il-kaz. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' in parte l-appell tas-socjeta` konvenuta in kwantu jikkoncerna biss il-*quantum* tad-danni, li qed jigi ridott ghall-ammont ta' Lm6,580 (sitt elef hames mija u tmenin lira Maltin), u filwaqt li qeghda tirriforma s-sentenza appellata f'dan is-sens u limitatament, tikkonfermaha fil-bqija – b'dan li l-kap ta' l-ispejjez ghaz-zewg istanzi jkun interament a kariku tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------